Kunsill Reġjun Punent

Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary Rabat, Malta

E | reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **41**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula. |
| Ir-Rabat: | Il-Viċi Sindku is-Sur Matthew Chetcuti |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

| | |
|---|---|
| Ħad-Dingli: | Il-Kunsillier is-Sur Ryan Tanti |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17.45 ta' filgħaxija.

**41.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindki ta' l-Imdina, is-Sur Peter Sant Manduca, Ħaż-Żebbuġ, is-Sur Steve Zammit Lupi, is-Siġġiewi, is-Sur Julian Borġ, il-Qrendi , is-Sur David Michael Schembri u iż-Żurrieq is-Sa Rita Grima. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżżlu skużati.

**41.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 40;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 40 li saret nhar it-27 ta' Awwissu, 2024.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**41.03 Punti li joħorġu mill-Minuti**

41.03.01 Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi wera interess li jissieħeb mal-Project Aegle Foundation għall-proġett pilota biex jinstallaw bank kompletatment sostennibli f'xi triq jew pjazza f' Malta.

41.03.02 Nhar il-11 u 12.09.24 il-Maniġers tal-Ambjent u tal-Iskart kellhom opportunita' ta' żjara informattiva f'Bergen in-Norveġja bl-isem 'HOOP – Final Event and Study tour.'

41.03.03 Nhar l-24.09.24 l-assitant clerk Kimberly Xuereb attendiet għal stedina li kellna mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ għall-Annual Stakeholders' Conference bl-isem ' We Need Youth.'

41.03.04 MDT bdiet taħdem fuq bażi Part Time bħala Cleaner/Messaġier nhar it-2 ta' Settembru 2024

41.03.05 Tlesta l-programm għall-attivita' Sportiva li ser issir nhar il-05.10.24 ġewwa Għar Lapsi is-Siggiewi fejn ser ikun hemm dawn il-varjeta ta' sport – rowing, kayaking, zumba, futbol, boċċi u gym. Dawn saru bil-kordinazjoni ma diversi NGOs mir-Reġjun.

**41.04 Kommunikazzjoni mill-President**

41.04.01 Nhar is-27.08.24 il-President u l-Maniġer tal-iskart kellhom laqgħa mal-PS, MEEE, CEO ta Wasteserv, President AKL u d-Direttur Mercieca ERA dwar set-off tal-kontijiet u problemi oħra tal-iskart. Tħaddidna fuq il-problemi dwar il-ġbir tal-iskart u li jrid ikun hem sinerġija bejn l-entitajiet kollha li huma Wasteserv, ERA, DLG, MTA, Pulizija, LESA fost oħrajn u li jrid ikun hemm koordinament biex jinqatgħu l- abbużi.

41.04.02 Nhar is-27.08.24 avviċinana s-Sur Attard mill-Friends of Earth sabiex jaqsam opportunità ta' msieħba f'attività taż-żgħażagħ. Huma qed jippjanaw attivitajiet għal Ottubru u Novembru u jixtiequ jinkludu attività ġewwa ir-Reġjun Punent. Bagħtulna lista b'ideat ta' attivitajiet u staqsewna biex nissugerixxu xi attività ambjentali li tkun ta' involviment u ta' benefiċċju għaż-żgħażagħ.

41.04.03 Nhar it-28.08.24 irċevejna mingħand l-ACM b'aġġornament dwar il-proċess skont l-inventarji reġjonali. Qegħdin fil-proċess li jiffinalizzaw l-onboarding ta' speċjalista PGIS sabiex ikun involut fil-proċess. Malli l-pjanijiet jiġu ssolidifikati ser ikunu qed jorganizzaw laqgħa sabiex nippjanaw b'mod tanġibbli triq 'l quddiem.

41.04.04 Nhar it-28.08.24 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Malta Council for Voluntary Sector fetħet sejħa għal għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet volontarji biex jorganizzaw korsijiet tal-Ewwel għajnuna. L-applikazzjoni ser jintlaqgħu sal-20.09.24.

41.04.05 Nhar id-29.08.24 avviċinatna is-Sa Catania mill-Malta Foundation for the Wellbeing of Society. Flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali qegħdin jikkordinaw proġett RIGHTS sabiex jiġi mwaqqafa Kunsilli Lokali u Reġjonali tat-tfal. Nhar 23.09.24 għamilna laqgħa u ddiskutejna dan il-proġett.

41.04.06 Nhar it-30.08.24 irċevejna mis-Sur Galea li l-applikazzjoni għall-iskema SPI/SCI/03/2024 - *Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa* ġiet aċċettata.

41.04.07 Nhar it-30.08.24 il-Maniġier tal-iskart bagħat lill-Prinċipali u lill-Kapijiet tal-iskola dwar il-Ġimgħa Ewropeja għat-Tnaqqis tal- Iskart. L-enfasi hija li ninvolvu studenti tas-7 u id-9 sena f'attivitajiet immirati biex inaqqsu l-ħela tal-ikel. L-għanijiet ta' din l-inizjattiva huma li ittejjeb il-ftehim tal-istudenti dwar kwistoniiet ta' sostenibbiltà tal-ikel, trawwem kollaborazzjoni bejn istituzzjonijiet edukattivi għall-impatt ambjentali kif ukoll esperjenza prattika fit-teknika tat-tnaqqis tal-iskart.

41.04.08 Nhar it-30.8.24 irċevejna Ċir AKL 2024/051 'SAVE THE DATE - 11 September 2024 - "Transforming Care for Older Adults in Malta'

41.04.09 Nhar il-01.09.24 saret il-Clean up gewwa l-lokalita ta' Ħad-Dingli.

41.04.10 Nhar it-02.09.24 irċevejna dwar focus grupp fuq l-akkwist pubbliku soċjalment reponsabbli f'Malta organizzat mill-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Innovazzjoni fl-iżvillup Lokali, ICLEI Europe, ESLIDER u imsieħba tagħhom.

41.04.11 Nhar it-03.09.24 irċevejna il-kuntratt tal-Program Reġjonali ta' koperazzjoni Kulturali bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u r-Reġjun Punent.

41.04.12 Nhar it-03.09.24 irċevejna stedina għal "Climate Go Climate Neutral" li sar ġewwa AKL nhar 23.09.24 bl-għan li jgħaqqad flimkien il-Kunsilli Lokali, l-ambaxxaturi tal-Patt tal-Klima tal-UE u partijiet interessati biex jippreżentaw għodod metodoloġiji u l-aħjar prattiki għal ibliet aktar sostenibbli u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

41.04.13 Nhar it-03.09.24 irċevejna €173,646.00 relatati mar-rimbors tal-ġbir tal-iskart kummerċjali, riċiklabbli u element ta' VAT għall-2023. Il-kollezzjoni tal-iskart kummerċjali riċiklabbli inkluż VAT tammonta għal Eur128,502.00, il-VAT għall-kollezzjoni tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli Eur30,888 u l-ġbir tal-ħġieġ tad-djar jammonta għal Eur14,256.

41.04.14 Nhar it-03.09.24 irċevejna mingħand Wasteserv fejn infurmawna li r-reġistrazzjonijiet għal European Week for Waste Reduction huma miftuħa.

41.04.15 Nhar it-03.09.24 il-President informa lis-Sindki kif ukoll lil għaqdiet mużikali dwar opportunità ta' taħriġ mal-JMI għal professjonisti li jaħdmu fis-settur mużikali. Din l-opportunita' hija valida għall-membri tal-kumitat tal-baned. L-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851 uriet interess u saret l-applikazzjoni.

41.04.16 Nhar it-03.09.24 irċevejna The Quantum Awakening Seminar Series at the MITA Data Centre - Public Sector. Il-Maniġer tal-IT, is-Sur Adam Cassar attenda għal dan is-seminar.

41.04.17 Nhar it-03.09.24 irċevejna mis-Sa Hoffler mill-Università ta' Limerick fl-Irlanda fejn infurmatna li l-proġett EMPOWER huwa relatat ħafna max-xogħol tagħhom u interessata li tikkontribwixxi f'dan il-proġett.

41.04.18 Nhar l-04.09.24 irċivejna mingħand DG DLG il-kuntratt draft li jrid jigi ffirmat bejn ir-Reġjuni u l-PROs.

41.04.19 Nhar l-04.09.24 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej flimkien mal-maniġier tal-ambjent issotomew l-applikazzjoni ta' City-to-City.

41.04.20 Nhar l-04.09.24 irċevejna mingħand l-ERA fejn talbitna sabiex nibgħatulhom l-ismijiet u d-dettalji tal-Kollettur tal-iskart għal-boroż suwed, organiċi u griżi. Ir-Reġjun Punent għadda d-dettalji tal-kuntrattur tal-iskart.

41.04.21 Nhar l-04.09.24 irċevejna mingħand DLG li ser ikun hemm kors tal-Master in Maltese Studies (one's gateway to Maltese culture and heritage) mtella' mill-UOM.

41.04.22 Nhar l-04.09.24 saret laqgħa ġewwa s-Seminarju mal-kunsilliera li huma responsabbli mid-dekasteri tal-Kultura u tal-Isport.

41.04.23 Nhar il-05.09.24 irċevejna invit għal Konferenza Annwali tal-Partijiet Interessati organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ bl-isem ta' 'We Need Youth'

41.04.24 Nhar il-05.09.24 irċevejna Ċir AKL 2024/052_Making numbers work for you - tools for decision-making.  L-Iskop ta' dawn is-sessjonijiet huma li l-Kunsilliera jkollhom l-opportunità jifhmu aħjar il-figuri sabiex dan jintuża' bħala għodda importanti fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu minn seduta għal oħra.

41.04.25 Nhar il-05.09.24 is-Sindku ta' Ħal Safi kiteb lis-Sur Attard Chairman Ezekuttiv Indis Malta u lis-Sur Ellul, Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta dwar d-daħla prinċipali ta' Ħal Safi rigward manutenzjoni li hemm bżonn.

41.04.26 Nhar il-05.09.24 irċevejna Ċir AKL2024/053 European Mobility Week _ żewġ pakketti ta' Fondi. TM ser tkun qed tħeġġeġ kemm għaqdiet mhux governattivi, Kunsilli Lokali kif ukoll skejjel sabiex jippjanaw attivitajiet matul is-sena u mhux biss matul il-Ġimgħa Ewropeja. L-għan hu għal tibdil fil-kultura u l-mentalità lejn kif wieħed għandu juża transport alternattiv u nersqu 'l bogħod mill-użu tal-karozza.

41.04.27 Nhar is-06.09.24 irċevejna Ċir AKL 2024/054_Invitation - "Cities Go Climate Neutral" Event li se jsir fit-23 ta' Settembru bejn is-13.00 u l-17.00 ġewwa l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fil-Marsa.

41.04.28 Nhar is-06.09.24 irċevejna SPI/SCI/3/2024 – Espressjoni ta' Interess - Lokalitajiet aktar nodfa. Bagħtulna l-Grant Agreement li għandu jiġi iffirmat kemm mis-Sindku kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv.

41.04.29 Nhar is-06.09.24 irċevejna mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq jekk għandiex indikazzjoni jekk hux ser ikun hemm xi tibdil fl-iskeda tal-ġbir għas-sena li ġejja (speċjalment il-ġbir tal-ħġieġ) sabiex ikunu jistgħu jinkluduha fil-kalendarju li jitqassam lir-residenti kollha.

41.04.30 Nhar is-06.09.24 irċevejna Ċir AKL 2024/055 'Free Holistic wellness sessions for the Elderly community _ for Local Councils'. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser jorganizzaw laqgħa ta' informazzjoni għal kunsilliera responsabbli mill-anzjani kif ukoll lis-Segretarji Eżekuttivi dwar inizjattiva' fil-komunità li tistà tkun ta' ġid għall-anzjani tagħna.

41.04.31 Nhar is-06.09.24 irċevejna PQ 21126 - Kunsilli Lokali – Remote Working fejn L-ONOR CHRIS SAID staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali:

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li qed jaħdmu ħamest ijiem fil-ġimgħa bir-remote working fil-Kunsilli Lokali kollha u fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DLG) u f'liema Kunsill Lokali jew f'liema sezzjoni tad-Dipartiment huma dawn il-ħaddiema?

Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Punent wieġbet li l-ebda impjegat ma jaħdem bir-remote working ħamest ijiem fil-Ġimgħa.

41.04.32 Nhar is-06.09.24 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lil Kunsilli Lokali u NGOs li l-Malta Council for Voluntary Sector fetħet skema fejn għaqdiet volontarji jiksbu għajnuna finanzjarja biex iwettqu proġetti li minnhom jibbenifikaw ukoll kommunitajiet fil-lokalitajiet tagħhom. Nhar id-19.09.24 gew organizzati 2 sezzjonijiet t'informazzjoni onlajn rigward l-applikazzjoni. L-applikazzjonijiet jagħlqu fis-16.10.24 u l-iskema tlaħħaq €800,000.

41.04.33 Nhar is-06.09.24 ircivejna SPI/SCI/7/2024 Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi. L-applikazzjoni trid tasal sat-18.10.24.

41.04.34 Nhar is-07.09.24 saret il-Clean up ġewwa l-lokalita ta' l-Imdina bil-parteċipazzjoni tar-Rabat Girl Guides.

41.04.35 Nhar it-08.9.24 il-President bagħat lis-CEO tal-Wasteserv numru ta' mistoqsijiet relatati mal-ġbir tal-iskart b'referenza għall-laqgħa li saret 27.08.24.

41.04.36 Nhar id-09.09.24 irċevejna mis-Sa Ellul li s-Servizz Nazzjonali tas-saħħa mentali se jorganizzaw l-ewwel simpożju 'Your Mental Health Matters' nhar 12.09.24. L-avveniment provda diskussjoni dwar servizzi tas-saħħa mentali, sfidi u modi kif itejjeb il-benessri mentali tal-komunità tagħna. Iffoka ukoll fuq prevenzjoni tas-suwiċidju bħala parti mill-kampanja ta' kuxjenza dwar il-prevenzjoni tas-Suwiċidju.

41.04.37 Nhar id-09-09-24 irċivejna mingħand DLG il-kuntratt updated tal-Manigers. Dan tlabna laqgħa mad-Direttur Galea sabiex jigu ċċarati xi dettalji.

41.04.38 Nhar id-09.09.24 irċivejna mingħand IM stedina għat-tnehdija ta' Vjal Kulħadd nhar 19.09.24. Din hija skema ġdida għall-Kunsilli Lokali. Attendew għal din l-istedina il-President u l-Project Manager.

41.04.39 Nhar l-10.09.24 irċevejna mid-DG Vassallo stqarrija mil-kumitat tat-Taqsima tat-Toroq flimkien mal-linji gwida ġodda.

41.04.40 Nhar id-10.09.24 il-President informa lis-Sindki u lis-Segretarji Eżekuttivi li matul Settembru/Ottubru ser jitwaħħlu l-ewwel 5 Totem poles. L-Università ser tkun qed tikkomunika mal-lokalitajiet ta' Ħal Kirkop, Mqabba, Qrendi Ħal Safi u ż-Żurrieq qabel ma jitwaħħlu sabiex issiru l-arranġamenti loġistiċi. Il-workshops li ser jsir fit-23.10.2024 ser ikunu miftuħ għal ħames lokalitajiet fejn ser ikunu qed jitwaħħlu it-Totem Poles kif ukoll Sindku u Segretarji Eżekuttivi ta' lokalitajiet oħra huma mistiedna sabiex ikunu jafu kif ser issir il-workshop f'Settembru/Ottubru 2025.

41.04.41 Nhar l-10.9.24 il-President bagħat lis-Sindki id-dettalji tal-kumpanija METIS għal dawk interessati li jġibu xi studenti barranin sabiex ikabbru l-għarfien tagħhom fil-lingwa Ingliża , sabiex jipprattikaw dak li studjaw u sabiex jassistuhom fix-xogħol tal-Kunsill Lokali.

41.04.42 Nhar l-10.9.24 il-President bagħat lill-Kunsilli lokali ta' Ħad-Dingli, Ħal Kirkop u Ħaż-Żebbuġ il-lista ta' niċeċ li ser ikunu qed jidhru fuq il-programm 'Niċeċ' li ser jidher fuq TVM. Infurmahom li jekk hemm xi preferenzi jew xi niċeċ oħrajn għandhom jinfurmawna sabiex jibda il-filming.

41.04.43 Bejn l-10.09.24 sa 13.09.24 il-Maniger tal-Ambjent u tal-Iskart marru HOOP study visit ġewwa Bergen in-Norveġja.

41.04.44 Nhar it-12.09.24 irċevejna mingħand il-Wasteserv l-ittri tat-twissija / multi maħruġa lill-kolletturi tal-iskart u rapporti oħra inklużi ritratti.

41.04.45 Nhar it-12.09.24 il-Maniġier tal-Kultura informa lill-kapijiet tal-iskola dwar il-proġett – Arts for Social Change, Empowering Artists, Transforming Communities. Dan huwa mfassal għal kittieba minn 11 sa 16 -il sena, artisti u atturi minn 14 -il sena. Dan il-proġett jiffoka fuq 3 oqsma ewlenin; Kitba ta' mikro stejjer, drama u arti. Il-proġett se jesplora temi ta' solitudni u gossiping minn perspettiva taż-żgħażagħ u l-anzjani li jippromwovi djalogu interġenerazzjonali u l-inklużjoni soċjali. L-inizjattiva għandha l-għan li timpenja studenti (li joqogħdu fil-lokalitajiet li jaqgħu taħt ir-Reġjun Punent kif muri hawn taħt), f'serje ta' workshops u avvenimenti kreattivi. Il-programm uffiċjali se jibda fi Frar 2025, u workshops ta' taħriġ se jiġu pprovduti lill-parteċipanti kollha minn Novembru 2024. Qed nistiednu studenti mill-iskejjel biex jieħdu sehem f'din l-opportunità unika. L-applikanti interessati jistgħu jimlew il-formola ta' reġistrazzjoni onlajn.

41.04.46 Nhar it-12.09.24 l-AKL bagħtulna CIRK 2023/105 'Polza ta Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024' bit-table of benefits aġġornati mill-Mapfre Middlesea rigward il-polza tal-Assigurazzjoni tas-saħħa.

41.04.47 Nhar it-12.09.24 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lil għaqdiet volontarji sabiex membri japplikaw u jkunu parti għall-proġett – Arts for Social Change, Empowering Artists, Transforming Communities.

41.04.48 Nhar it-12.09.24 bagħat is-Sur Agius sabiex nagħtu aġġornament dwar il-progress li sar s'issa fuq is-suġġett tal-Assessjar tal-Impatt Soċjali. Informajtu li l-outcome tar-riżultati ser jagħmilhom ir-Reġjun stess u li għandna tentative date tal-launch.

41.04.49 Nhar it-13.09.24 id-Direttur Ġenerali għaddilna kommunikazzjoni mill-Bank Ċentrali ta' Malta għal dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom kont magħhom.

41.04.50 Nhar it-13.09.24 id-Direttur Ġenerali infurmana li bħalissa qed isir ix-xogħol preparatorju sabiex ikollna strateġija nazzjonali ta' taħriġ. Sakemm din l-istrateġija tiġi ffinalizzata, flimkien mal-IPS ser jibdew jipprovdu taħriġ iffokat fuq il-mansjonijiet diversi fil-qadi ta' dmirijiet tas-Segreatarji Eżekuttivi. Dan it-taħriġ ser ikun miġbur f'diversi temi fejn is-Segretarju Eżekuttiv għandu jindika l-preferenzi tal-grupp li jixtieq ikun fih. Is-Sur Vassallo sostna l-importanza tal-attendenza.

41.04.51 Nhar it-13.09.24 is-Sindku tas-Siggiewi, is-Sur Julian Borg iffirma l-ktieb ta' kondoljanzi tas-sur Karl Gouder għan-nom tar-Reġjun Punent.

41.04.52 Nhar il-14.09.24 saret il-Clean-up ġewwa l-lokalitajiet tal-Qrendi u iż-Żurrieq bil-parteċipazzjoni tal-każini tal-baned.

41.04.53 Nhar is-16.09.24 il-President staqsa lir-rappreżentanti tal-ERA fuq:

- il-ħwienet kummerċjali li huma obbligati jkollhom private collectors
- jekk m'hemmx xi liġi meta jistgħu joħorġu l-iskart,
- jekk hux sippost joħorġu l-iskart skond l-iskeda nazzjonali,
- jekk hemmx xi ħinijiet li huma obbligati li joħorġu l-iskart u
- jekk m'humiex obbligati li tali skart jinħareġ ġo wheely bin jew container.

Il-President informa abbażi tal-mistoqsijiet t'hawn fuq li l-iskart ma jistax jinħareġ barra qabel jigi l-kollettur

41.04.54 Nhar is-16.09.24 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat kemm lis-Sindki kif ukoll lill-Kunsilliera li l-EIT Urban Mobility nediet programm 'City Raptor 2025' li joffri għajnuna finanzjarja biex jiġu ttestjati soluzzjonijiet innovattivi għall-sfidi ta' mobilità urbana. Il-lokalità għandha l-opportunità li tissieħeb ma' entitajiet/negozji start-ups jew SME's biex jiżvillupaw u jittestjaw soluzjonijiet.

41.04.55 Nhar is-17.09.24 irċevejna stedina mingħand il-Planning Authority għal avveniment fuq riċerka li hi lesta kif ukoll li għaddejja bħalissa. Dan l-avveniment se jservi bħala pjattaforma biex tiffaċilita diskussjonijiet importanti mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

41.04.56 Nhar is-17.09.24 il-President bagħat lil-President tal-AKL is-Sur Fava rimarki fuq il-konsultazzjoni Pubblika li hemm miftuħa dwar Enhancing Physical Activity Strategy 2025-2030.

41.04.57 Nhar it-18.09.24 flimkien mal-EU/Local Funds Maniger kelli laqgħa mas-SEM fejn gew diskussi pjanijiet għall-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' informazzjoni Reġjonali dwar opportunitajiet ta' Finanzjament tal-EU. L-għan hu li jqajjmu kuxjenza u jipprovdu għarfien siewi dwar il-programmi ta' finanzjament disponibbli għall-Kunsilli Lokali u l-NGO's.

41.04.58 Nhar it-18.09.24 kelli laqgħa mal-għaqdiet tal-futboll tar-Reġjun Punent u ġie diskuss l-kollaborazjoni fuq tournaments sal-aħħar tas-sena 2024. Għal din laqgħa kienu mistiedna ukol il-kunsilliera responsabli mid-dekasteru tal-isport u Sindki.

41.04.59 Nhar id-19.09.24 il-Maniġier tal-Ambjent informa lis-Sur Attard mill-Friends of Earth fir-rigward tal-Attività taż-żgħażagħ li jixtiequ jtellgħu. Hu semma li żjara lil bdiewa żagħżagħ hija rappreżentazzjoni soda ta' dak li jeħtieġ li jingħata spinta fir-Reġjun.

41.04.60 Nhar id-19.09.24 il-Maniġier tal-Ambjent bagħat lis-Sur Mahoney għal-approvazzjoni tal-Addendum 1-SPD5/2023/035.

41.04.61 Nhar id-19.09.24 irċevejna mingħand E-skills fejn invitawna għal EU CodeWeek li ser issir nhar 10.10.24, avveniment li jiffoka fuq il-promozzjoni tal-kodifikazzjoni u l-ħiliet diġitali madwar l-Ewropa.

41.04.62 Nhar id-19.09.24 il-Maniġer tal-Proġetti informa lis-Sindki kif ukoll lis-segretarji eżekuttivi sabiex l-attività tal-ġbir taż-żebbuġ terġa ssir u jkunu involuti aktar Kunsilli Lokali. Informa li din l-attività tikkonsisti filli jinqatà u jinġabar iż-żebbuġ u jiġi pproċessat f'żejt.

41.04.63 Nhar id-19.09.24 is-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bagħtitilna korrispondenza mingħand ALDA events. ALDA'S environment and climate hub invitawna għal żewġ avvenimenti sekondarji li ser isseħħu fl-okkażjoni tal-EU Week of Regions and Cities.

41.04.64 Nhar id-19.09.24 is-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għadditilna korrispondenza mis-Sur Bizarro. CERMA  u ALDA stednuna għal konferenza pubblika 'L-Immaniġġjar tal-futur għar-reżiljenza Ambjentali' li se tkun qed tiġi organizzata fid-9.10.24 gewwa Brussell. Il-konferenza se tkun opportunità ta' skambju b'mod interattiv dwar kif tingħeleb il-qosor fir-rigward tal-ġestjoni lokali tat-tibdil fil-klima u l-ippjanar għal governanza ambjentali aktar ippreparata u parteċipattiva.

41.04.65 Nhar id-19.09.24 saret laqgħa mal-kunsilliera responsabbli mill-iskart u l-indafa fejn ġew diskussa l-fondi dissponibbli li hemm fir-Reġjun, aġġornament fuq l-istatistika tal-ġbir tal-iskart u ideat/inizjattivi għas-sena d-dieħla.

41.04.66 Nhar l-20.09.24 id-Direttur Ġenerali infurmana li l-istedina mill-uffiċju tal-President tar-repubblika ta nhar 24.09.24 hija estiża għall-mistieden/mistiedna flimkien mal-mistieden oriġinali.

41.04.67 Nhar l-20.9.24 is-Segretarju tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bagħtitilna korrispondenza dwar riċeviment tan-networking "Connecting People for the Twin Transition". Dan hu miftuħ għall-parteċipanti tal-Assemblea Diġitali Living-in.EU kif ukoll għall-komunità usa' tagħna ta' partijiet interessati u rappreżentanti mill-istituzzjonijiet Ewropej. Dan ir-riċeviment huwa maħsub biex jgħaqqad it-Transizzjonijiet Diġitali u Ħodor, jiffaċilita diskussjonijiet ma' diversi partijiet interessati dwar l-opportunitajiet u l-isfidi ta' dawn it-tranżizzjonijiet ġemellati, juri stejjer prattiċi ta' ispirazzjoni ta' inizjattivi ta' suċċess li jintegraw is-sostenibbiltà diġitali u ambjentali.

41.04.68 Nhar l-20.09.24 il-Maniġer tal-iskart informal lill-uffiċjali tal-ERA dwar il-hotspots fir-Reġjun għax xahar t'Ottubru.

41.04.69 Nhar l-20.09.24 irċevejna mill-ERA fejn infurmawna li bħala reġjun għandna nfakkru l-kolletturi tal-iskart dwar l-obbligu li jkunu koperti b'permess ta' Waste Carrier. Infurmawna li hemm kolletturi li qed jaħdmu f'isem il-Kunsill tar-Reġjun b'numru ta' vetturi li qed jidħlu fil-faċilitajiet ta' Wasteserv mingħajr il-permessi neċessarji.

41.04.70 Nhar il-21.09.24 saret il-Clean up ġewwa l-lokalita' tas-Siggiewi.

41.04.71 Nhar it-23.09.24 irċevejna Ċir AKL 2024/056_Vjal Kulħadd - Opportunita' biex jibda jiġi implimentat il-proġett 'slowstreets'. Infrastructure Malta għadha kif nediet fond ta' għaxar miljun sabiex isiru proġetti fil-lokalitajiet. Il-Proġett 'SlowStreets', kienu daħħlu erbgħa u sittin (46) Kunsill Lokali, għandu l-kredenzjali kollha sabiex ikun eliġibbli għal dawn il-fondi. L-Assoċjazzjoni tkellmet li dan il-proġett kellu jitħalla fuq l-ixkaffa għaliex qatt ma ġew identifikati u allokati fondi għalih. Bl-allokazzjoni ta' dawn l-għaxar miljuni, issa dawn l-erbgħa u sittin Kunsill Lokali għandhom l-opportunità li jibdew jaħdmu sabiex jimplimentaw l-istudji li kienu saru.

41.04.72 Nhar it-23.09.24 il-President, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-maniġers tal-Kultura u tal-Fondi Lokali/Ewropej kellhom meeting mal-Malta Foundation for the Wellbeing of Society.

41.04.73 Nhar it-24.09.24 irċevejna Ċir AKL 2024/57 _ Invitation to the "Young Elected Officials Academy 1st Edition. Għaddewlna stedina mibgħuta mill-PLATFORMA and CEMR għall-ewwel edizzjoni tal-young elected officials academy. Din opportunità għall-membri żagħżagħ eletti, billi jisfruttaw relazzjoni li għandhom l-Assoċjazzjoni u YEOA.

41.04.74 Nhar it-24.09.24 ġejna avviċinati mis-Sa Aquilina tal-G7 events fejn staqsewna jekk aħniex interessati sabiex nerġgħu nikkolaboraw magħhom għal Magical Illuminated Trail.

41.04.75 Nhar il-25.09.24 saret il-Clean up ġewwa l-lokalita' tar-Rabat.

41.04.76 Nhar it-25.09.24 irċevejna Ċir AKL 2024/050_ Charity Bike Ride 2024 in aid id-Dar tal-Providenza on Sunday, 27th October 2024.

41.04.77 Nhar it-25.09.24 irċevejna Ċir AKL 2024/058 _Ġbir tad-dati tat-twelid Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi, u l-ħaddiema fi ħdan il-Kunsilli Reġjonali/Lokali. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed tiġbor id-dati ta' twelid ta' kull membru elett, Segretarju Eżekuttiv, Maniġer Reġjonali kif ukoll ħaddiema fi ħdan l-Kunsilli Reġjonali/Lokali bħala apprezzament u sabiex taqsam l-awguri. Din l-informazzjoni hija waħda volontarja.

41.04.78 Nhar il-25.09.24 id-Direttur Ġenerali s-Sur Vassallo għaddilna l-aħħar verżjoni tal-ftehim mal-PRO's li ser iwassal biex jibdew jagħtu sehem skont l-iskeda li issa hija aġġornata.

41.04.79 Nhar id-19.10.24 ser jerġa jsir kors ieħor tal-Food Handling.

41.04.80 Statistika – Il-President ippreżenta il-lista tan-numru ta' bins li ser jinxtraw għall-iskejjel mill-Fondi tal Ecohive

**41.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet**

41.05.01 Is-Sindku tal-Mqabba staqsiet fuq problema biex ssib kuntrattur tat-tħaffir tal-arbli ġodda tad dawl. Il-President qal li ser jitkellem mal-AKL

41.05.02 Is-Sindku ta' Safi staqsa fuq iz-zebra crossing

41.05.03 Is-Sindku ta' Kirkop staqsa fuq il-problema li jġib miegħu il-bagħal taz zunzan. Is-Sindki prezenti qalu li trid issib exterminator inti u trid tkun taf fejn hi l-bejta

**41.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

41.06.01 Kwotazzjoni RFQ182/2024 Request For Quotation for Bee Kit Accessories

41.06.02 Rapport tal – HOOP Study Visit li saret fin-Norveġja

**41.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

41.07.01 Kwotazzjoni RFQ181/2024 Request For Quotation for the Purchase of an Electric Olive Harvestor

Il-President informa li ntbagħtu 5 inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna 5 offerti. Il-President talab lis-Sur Tonio Zammit (Contracts Manager ta' Ħal-Safi) sabiex jikteb rappot u jiġġustifika għaliex ma morniex għall-irħas wieħed. Il-President ippropona li tintgħażel l-offerta ideali.

Sekondant: Is-Sindku ta' Safi is-Sur Johan Mula

Il-Kunsill qabel unanimament

41.07.02 Kwotazzjoni RFQ182/2024 Request For Quotation for Bee Kit Accessories

Il-President informa li ntbagħtu 5 inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna 2 offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

**41.08 Skeda tal-Pagamenti Nru.29**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 29.

Proponent: Is-Sindku ta Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

**41.09 Inizjattiva Letterarja**

Il-President ippropona inizjattiva ta' Eur3,000 kull Kunsill Lokali li jistgħu jintużaw għal xiri ta' kotba, pubblikazzjoni ta' kotba ġodda, serata mużika letterarja. Din l-inizjattiva se tibqa' miftuħa sa Novembru 2025. Qabel issir l-attivita' il-Kunsill irid jinform lir-Reġjun u l-attivita' trid tkun approvata mill-Maniġer tal-Kultura.

Sekondant: Is-Sindku ta' Safi is-Sur Johan Mula

Il-Kunsill qabel unanimament

**41.10 Kor tar-Reġjun**

Il-President ippropona li jkollna Kor tat-tfal tar-Reġjun . Dan jsir billi toħroġ Espressjoni t'Interess għat-tfal sal-eta' ta' 16 il-sena li jkunu jixtiequ jkunu parti minn dan il-kor kif ukoll oħra għal persuna li se tmexxi il-Kor. Kien propost li din l-inizjattiva' tiddaħħal bħala Extra Curicular activity.

Sekondant: Is-Sindku ta' Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament

**41.11 Materji Oħra**

**41.11.01 Xiri ta' Air Conditions**

Il-President ippropona li jsir ix-xiri ta' tliet AC's biex b'hekk l-uffiċini kollha jkunu mgħammra b'arja kundizzjonata.

Sekondant: Il-Vici Sindku tar-Rabat Matthew Chetcuti
Il-Kunsill qabel unanimament.

**41.11.02 Kunsill Reġjonali tat-Tfal**

Il-President ippropona li jiġi iffurmat il-Kunsill Reġjonali tat-Tfal. Dan ser ikun iffurmat minn rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali tat-Tfal rispettivi fi ħdan ir-Reġjun.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal-Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

**41.11.03 Maniġer Kultura**

Fuq talba tal-Maniġer tal-Kultura is-Sur Duncan Caruana fejn informa li jixtieq jżomm l-impjieg tiegħu mar-Reġjun Punent fuq bażi part-time, il-President ippropona li l-impjieg tas-Sur Caruana jinqeleb minn bażi full-time għal bażi part-time, basta jibqa' jingħata is-sapport kollu meħtieġ lill-Kunsilli Lokali fl-organizazzjoni tal-attivitajiet u affarijiet oħra li jkun hemm bżonn.

Sekondant: is-Sindku ta' Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**41.12 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-20:00 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **it-28 ta' Ottubru, 2024 fil-5:30pm.**

_____________________
Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

_____________________
Tania Farrugia
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

_____________________
Ikkonfermati llum